# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **33/2022 (AD)**

## SYNTHESIS MANAGEMENT SERVICES LIMITED (C 55191)

**VS**

## KUNSILL LOKALI TAR-RABAT KIF RAPPREŻENTAT MIS-SINDKU SANDRO CRAUS U S-SEGRETARJU EŻEKUTTIV ANTHONY BONELLO

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, ħdax (11) ta' Lulju 2025**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar talba tar-rikorrenti għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni allegatament kawżati lis-soċjeta' attriċi mill-Kunsill Lokali konvenut per kawża tat-terminazzjoni da parti tal-istess Kunsill Lokali tal-kuntratt *Tender RLC/T0160/17 for the Provision of a Contracts Manager*, iffirmat mill-partijiet.

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat nhar l-erbatax (14) ta' Jannar 2022, is-soċjeta' rikorrenti **Synthesis Management Services Limited** ippremettiet:

   a. *Illi s-soċjeta' attriċi hija kuntrattur tal-Kunsill Lokali intimat sabiex tipprovdi lill-Kunsill Lokali servizz ta' 'Contracts Manager' u dana skont kuntratt tas-sena elfejn u tmintax (2018) konkluż wara sejħa għall-offerti pubbliċi "Tender RLC/T0160/17 For the Provision of a Contracts Manager" ('Dok A');*

   b. *Illi żewġ ittri tal-Kunsill Lokali datati 8 ta' Ottubru 2021 u 13 ta' Ottubru 2021 ġew indirizzati lil Raphael Carabott (li effettivament huma 'default notices'), fejn fl-aħħar ittra u cioe dik tat-13 ta' Ottubru 2021 is-soċjeta' attriċi ġiet mgħarrfa li l-Kunsill Lokali protestat kien qiegħed "jittermina l-kuntratt ta' Contracts Manager b'mod immedjat";*

   c. *Illi d-'default notices' hawn fuq imsemmija ġew imfassla u bbażati fuq rapport jew rapporti magħmula minn terza persuna, ċertu Paul Tanti, impjegat mal-Kunsill Lokali intimat bħala handyman;*

   d. *Illi permezz ta' ittri legali datati 26 ta' Ottubru 2021 ('Dok B') u 8 ta' Novembru 2021 ('Dok C') indirizzati lill-Kunsill Lokali intimat, is-soċjeta' attriċi għarrfet lill-Kunsill Lokali intimat illi hija qatt ma rċeviet ebda ittra mingħand il-Kunsill Lokali u li l-ittri fuq imsemmija ngħataw lil Raphael Carabott 'by hand' hekk kif kien fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali fil-25 ta' Ottubru 2021; għaldaqstant dawna l-ittri dehru li baqgħu inkontestati. In oltre, is-soċjeta' attriċi ċaħdet li hija b'xi mod naqset mill-obbligi u responsabbiltajiet tagħha skond il-kuntratt imsemmi u saħqet li hija rigorosament u kontinwament mxiet u aġixxiet korrettement u fl-aħjar interess tal-Kunsill Lokali intimat u għalhekk it-terminazzjoni tal-kuntratt imsemmi hija bla bażi u addirittura illegali;*

e. *Illi s-soċjeta' attriċi ġiet a konoxxenza illi l-Kunsill Lokali intimat sejjaħ laqgħa tal-Kunsill Lokali għas-27 ta' Ottubru 2021 u li fuq l-'agenda' tal-laqgħa kien hemm it-terminazzjoni tal-kuntratt fuq imsemmi u effettivament l-istess Kunsill Lokali intimat injora totalment l-ittri legali tas-26 ta' Ottubru 2021 u tat-8 ta' Novembru 2021 u inġustament u mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi ddeċieda u kkonferma t-terminazzjoni tal-kuntratt;*

f. *Illi din it-terminazzjoni hi abbużiva u llegali u dan peress li, kif ser jintwera tul it-trattazzjoni tal-kawża, is-soċjeta' attriċi qatt ma kisret il-kundizzjonijiet tal-kuntratt imsemmi;*

g. *In vista tas-suespost, is-soċjeta' attriċi ġja sofriet u ser tkompli ssofri diversi danni konsistenti iżda mhux limitat għal telf ta' introjtu mix-xahar ta' Awissu 2021 sa Jannar 2022 u cioe sad-data tat-tmiem it-terminu tal-kuntratt;*

h. *Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet sabiex l-intimat jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' konsegwenzjali danni sofferti mill-attriċi, anke permezz tal-protest numru 476/2021 datat 9 ta' Diċembru 2021 fl-ismijiet 'Carabott Raphael noe vs Kunsill Lokali tar-Rabat' ('Dok D') u l-protest numru 481/2021 datat 14 ta' Diċembru 2021 fl-ismijiet 'Carabott Raphael noe vs Tanti Paul' ('Dok E'), l-intimat baqa' inadempjenti;*

i. *Illi għalhekk is-soċjeta' attriċi kienet kostretta li tipproċedi bil-kawża odjerna;*

j. *Illi r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment.*

3. Għaldaqstant, is-soċjeta' rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex:

i. *Tiddikjara t-terminazzjoni tal-kuntratt "Tender RLC/T0160/17 For the Provision of a Contracts Manager" bħala waħda abbużiva u llegali fiċ-ċirkostanzi kif fuq ingħad billi s-soċjeta' attriċi bl-ebda mod ma kienet inadempjenti fl-obbligi kuntrattwali tagħha;*

*ii. Tiddikjara konsegwentement lill-istess Kunsill Lokali intimat responsabbli għad-danni kawżati lis-soċjeta' attriċi bit-terminazzjoni tal-kuntratt fuq premess;*

*iii. Tillikwida d-danni sofferti mill-istess soċjeta' attriċi minħabba t-terminazzjoni illegali da parti tal-Kunsill Lokali intimat, kif fuq premess u dan okkorrendo, permezz ta' esperti nominandi;*

*iv. Tikkundanna lill-Kunsill Lokali intimat iħallas lis-soċjeta' attriċi d-danni kif likwidati.*

*Bl-ispejjez, inkluż tal-protest numru 476/2021 datat 9 ta' Diċembru 2021 fl-ismijiet 'Carabott Raphael noe vs Kunsill Lokali Tar-Rabat' u interessi legali, kontra l-Kunsill Lokali intimat li hu minn issa inġunt in subizzjoni.*

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar 2022, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-smigħ għas-seduta tat-Tlieta, tmienja (8) ta' Marzu 2022, b'ordni għan-notifika tar-rikors lill-Kunsill Lokali konvenut, illi ngħata għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika lilu tal-stess, sabiex jirrispondi skont il-liġi;

5. B'risposta ġuramentata datata tlieta u għoxrin (23) ta' Frar 2022, **Sandro Craus u Anthony Bonello**, Sindku u Segretarju Eżekuttiv tal-**Kunsill Lokali tar-Rabat** rispettivament eċċepew:

*a. Illi fl-ewwel lok, il-pretensjonijiet tas-socjeta rikorrenti huma kollha b'mod shih infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*b. Illi l-Kunsill Lokali intimat ittermina l-kuntratt ta' "Contracts Manager" ghal ragunijiet serji u li kellhom jaghtu lok ghal tali terminazzjoni;*

*c. Illi l-Kunsill Lokali intimat wettaq l-obbligi tieghu hekk kif miftehma fit-'tender document' u l-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet;*

d. *Illi, fi kwalunkwe kaz u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, il-Kunsill Lokali intimat ma kkawza ebda dannu lis-socjeta rikorrenti;*

e. *Illi fi kwalunkwe kaz, il-Kunsill Lokali intimat m'ghandux ibati spejjez u imghax;*

f. *Salv linji difensjonali ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi;*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta rikorrenti inkluz tal-atti u kontro-protesti gja pprezentati, liema socjeta hija u r-rapprezentanti taghha minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

**Il-Qorti**

6. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' rikorrenti datat erbatax (14) ta' Jannar 2022 u d-dokumenti annessi miegħu;

7. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata tal-Kunsill Lokali intimat datata tlieta u għoxrin (23) ta' Frar 2022;

8. Rat l-affidavit ta' **Raphael Carabott** immarkat **Dok RC1** a fol 147 *et seq* tal-proċess;

9. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Anthony Bonello**, prodott mis-soċjeta' rikorrenti waqt is-seduta tat-tnax (12) ta' Mejju 2022[1];

10. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Roberta Galea**, prodotta mis-soċjeta' rikorrenti waqt is-seduta tat-tnax (12) ta' Mejju 2022[2];

11. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Nazju Cassar**, prodott mis-soċjeta' rikorrenti waqt is-seduta tas-sittax (16) ta' Ġunju 2022[3];

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 292 *et seq* tal-proċess
[2] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 303 *et seq* tal-proċess
[3] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 309 *et seq* tal-proċess

12. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Anthony Bonello**, riprodott mis-soċjeta' rikorrenti waqt is-seduta tas-sittax (16) ta' Ġunju 2022[4];

13. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Roberta Galea**, riprodotta mis-soċjeta' rikorrenti waqt is-seduta tas-sittax (16) ta' Ġunju 2022[5], u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok RG1 u RG2** a fol 337 *et seq* u 340 *et seq* tal-proċess;

14. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Dolores Coleiro**, prodotta mis-soċjeta' rikorrenti waqt is-seduta tas-sebgħa (7) t'Ottubru 2022[6];

15. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Rudolph Grima**, prodotta mis-soċjeta' rikorrenti waqt is-seduta tas-sebgħa (7) t'Ottubru 2022[7];

16. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Matthew Chetcuti**, prodott mis-soċjeta' rikorrenti waqt is-seduta tas-sebgħa (7) t'Ottubru 2022[8];

17. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Carmel Pullicino**, prodott mis-soċjeta' rikorrenti waqt is-seduta tal-ħmistax (15) ta' Novembru 2022[9];

18. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Natalino Attard**, prodott mis-soċjeta' rikorrenti waqt is-seduta tal-ħmistax (15) ta' Novembru 2022[10], u rat id-dokument minnu esebit u mmarkat **Dok NA1** a fol 603 *et seq* tal-proċess;

19. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Dr Mark Sant**, in rappreżentanza tal-**Wasteserve Malta Limited**, prodott mis-soċjeta' rikorrenti waqt is-seduta tal-ħmistax (15) ta' Novembru 2022[11], u rat id-dokument minnu esebit u mmarkat **Dok MS1** a fol 608 tal-proċess;

---

[4] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 325 *et seq* tal-proċess
[5] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 329 *et seq* tal-proċess
[6] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 566 *et seq* tal-proċess
[7] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 576 *et seq* tal-proċess
[8] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 588 *et seq* tal-proċess
[9] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 597-598 tal-proċess
[10] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 599 *et seq* tal-proċess
[11] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 605 *et seq* tal-proċess

20. Rat id-dokumenti esebiti mis-soċjeta' attriċi permezz ta' nota datata tlettax (13) ta' Jannar 2023, immarkati **Dok SMS1 sa SMS7**, a fol 610 *et seq* tal-proċess;

21. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Roberta Galea**, riprodotta mis-soċjeta' rikorrenti waqt is-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Frar 2023[12], u rat id-dokument minnha esebit u mmarkat **Dok MD1** a fol 836 tal-proċess;

22. Semgħet x-xhieda bil-ġurament ta' **Daniel Tabone** prodott mis-soċjeta' rikorrenti waqt is-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Frar 2023[13];

23. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Roberta Galea**, riprodotta mis-soċjeta' rikorrenti waqt is-seduta tat-tletin (30) ta' Marzu 2023, u rat id-dokumenti minnha esebiti u kollettivament immarkati **Dok MD1** a fol 845 *et seq* tal-proċess;

24. Rat l-affidavit ulterjuri ta' **Raphael Carabott**, immarkat **Dok RC1** a fol 979 tal-proċess, u d-dokumenti annessi miegħu;

25. Rat l-affidavit ta' **Anthony Bonello** immarkat **Dok AA1** a fol 994-995 tal-proċess;

26. Rat id-dokument esebit mill-Kunsill Lokali intimat immarkat **Dok AA2** a fol 996-997 tal-proċess;

27. Rat l-affidavits ta' **Charles Gauci** immarkat **Dok CG** a fol 1000 tal-proċess, ta' **Matthew Chetcuti** immarkat **Dok MC** a fol 1001 tal-proċess, ta' **Dominic Camilleri** immarkat **Dok DC1** a fol 1002 tal-proċess, ta' **Wilson Mifsud** immarkat **Dok WM** a fol 1003 tal-proċess, ta' **Adrian Bonello** mmarkat **Dok AB** a fol 1004 tal-proċess, u ta' **Nazju Cassar** immarkat **Dok NC** a fol 1005 tal-proċess;

---

[12] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 822 *et seq* tal-proċess
[13] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 837 *et seq* tal-proċess

28. Rat l-affidavits ta’ **Dominic Camilleri**, immarkat **Dok DC** a fol 1006-1007 tal-proċess, ta’ **Anthony Hili** mmarkat **Dok AH** a fol 1008 tal-proċess, u ta’ **Diego Grixti** mmarkat **Dok DG** a fol 1009 tal-proċess;

29. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta’ **Paul Tanti**, prodott mill-Kunsill Lokali konvenut waqt is-seduta tad-dsatax (19) t’Ottubru 2023[14];

30. Rat l-affidavit ta’ **Diego Grixti**, immarkat **Dok DG1** a fol 1024 tal-proċess;

31. Rat l-affidavit ta’ **Sandro Craus**, immarkat **Dok SC1** a fol 1027 *et seq* tal-proċess;

32. Rat is-sentenza esebita mill-Kunsill Lokali intimat, immarkata **Dok AA1** a fol 1034 *et seq* tal-proċess;

33. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta’ **Adrian Muscat**, prodott mill-Kunsill Lokali konvenut waqt is-seduta tas-sbatax (17) ta’ Mejju 2024[15];

34. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta’ **Dominic Camilleri**, prodott mis-soċjeta’ rikorrenti in kontro-eżami waqt is-seduta tat-tnejn (2) ta’ Lulju 2024[16];

35. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta’ **Adrian Bonello**, prodott mis-soċjeta’ rikorrenti in kontro-eżami waqt is-seduta tat-tnejn (2) ta’ Lulju 2024[17];

36. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta’ **Wilson Mifsud**, prodott mis-soċjeta’ rikorrenti in kontro-eżami waqt is-seduta tat-tnejn (2) ta’ Lulju 2024[18];

37. Rat id-dokumenti esebiti mis-soċjeta’ rikorrenti u mmarkati **Dok WM1 sa WM3** a fol 1089 *et seq* tal-proċess;

38. Rat il-kopja tas-sentenza esebita mill-Kunsill Lokali intimat, immarkata **Dok RSS1** a fol 1097 *et seq* tal-proċess;

[14] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 1011 *et seq* tal-proċess
[15] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 1061 *et seq* tal-proċess
[16] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 1071 *et seq* tal-proċess
[17] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 1076 *et seq* tal-proċess
[18] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 1080 *et seq* tal-proċess

39. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Charles Gauci** prodott mis-soċjeta' rikorrenti in kontro-eżami waqt is-seduta tas-sbatax (17) t'Ottubru 2024[19];

40. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Paul Tanti** prodott mis-soċjeta' rikorrenti in kontro-eżami waqt is-seduta tas-sbatax (17) t'Ottubru 2024[20];

41. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Diego Grixti** prodott mis-soċjeta' rikorrenti in kontro-eżami waqt is-seduta tas-sbatax (17) t'Ottubru 2024[21];

42. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Anthony Bonello** prodott mis-soċjeta' rikorrenti in kontro-eżami waqt is-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru 2024[22];

43. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Sandro Craus** prodott mis-soċjeta' rikorrenti in kontro-eżami waqt is-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru 2024[23];

44. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti datata sebgħa (7) ta' Marzu 2025, a fol 1157 *et seq* tal-proċess;

45. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kunsill Lokali intimat, datata wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu 2025, a fol 1176 *et seq* tal-proċess;

46. Rat illi l-partijiet qablu illi l-kawża tibqa' differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

47. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

[19] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 1112 *et seq* tal-proċess
[20] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 1116 *et seq* tal-proċess
[21] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 1121 *et seq* tal-proċess
[22] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 1130 *et seq* tal-proċess
[23] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 1144 *et seq* tal-proċess

48. Il-kawża odjerna tirrigwarda *Tender RLC/T0160/17 for the Provision of a Contracts Manager* illi permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi ntrabtet illi tipprovdi lill-Kunsill Lokali intimat b'servizzi ta' *Contracts Manager*, skont kuntratt iffirmat mill-partijiet nhar l-ewwel (1) ta' Frar 2018[24]. Bażikament, l-objettiv tal-kuntratt kien, *"to make provision for the supply to the Ir-Rabat Local Council of a service by ensuring that the Contractor whose contract is being managed by the Contract Manager fulfills his obligations and abides by the conditions of the contract"* (Artikolu 2.1);

49. Il-Kunsill Lokali intimat ħareġ tliet (3) *default notices* separati indirizzati lis-soċjeta' rikorrenti:

- *Default notice* datata tmienja (8) t'Ottubru 2021: Id-Direttur tas-soċjeta' rikorrenti ġie informat illi l-kuntratturi ma kinux lesti li jaħdmu miegħu minħabba problemi fl-aspett komunikattiv;

- *Default notice* datata tnax (12) t'Ottubru 2021: Is-soċjeta' rikorrenti ġiet informata illi nhar it-12 t'Ottubru 2021 stess, il-bieb tal-kamra (*mustering room*) dam miftuħ għal ħinijiet twal matul il-ġurnata waqt l-operat tal-kenniesa, u fl-istess ġurnata ma kien hemm l-ebda superviżjoni fuq il-kenniesa rigward il-kwalita' tax-xogħol[25];

- *Default notice* datata tnax (12) t'Ottubru 2021: Is-soċjeta' rikorrenti ġiet informata illi nhar it-12 t'Ottubru 2021 stess, kien hemm boroż tal-iskart li ma nġabrux[26];

Fit-tliet każijiet, il-Kunsill Lokali intimat talab lil Carabott sabiex jirregola ruħu;

50. Inoltre, b'ittra formali datata tlettax (13) t'Ottubru 2021[27], is-soċjeta' rikorrenti ġiet informata illi l-kuntratt kien qed jiġi terminat b'mod immedjat, għat-tliet raġunijiet mogħtija fid-*default notices* kif appena spjegat;

---

[24] **Dok A** anness mar-rikors promotur, a fol 5 *et seq* tal-proċess
[25] **Dok Synt I-2** a fol 188 tal-proċess
[26] **Dok Synt I-4** a fol 190 tal-proċess
[27] **Dok Synt I-1** a fol 187 tal-proċess

51. Is-soċjeta' rikorrenti tiċħad illi hija naqset mill-obbligi u responsabbilitajiet tagħha skont il-kuntratt, b'dana għalhekk illi tallega illi t-terminazzjoni hija abbużiva u illegali, bil-konsegwenza illi sofriet danni konsistenti f'telf ta' introjtu mix-xahar ta' Awissu 2021 sa Jannar 2022, u cioe sad-data illi fiha kellu jiġi fi tmiemu t-terminu tal-kuntratt;

52. Min-naħa l-oħra, il-Kunsill Lokali intimat iżomm ferm mal-allegazzjonijiet minnu magħmula fid-*default notices*, u jinsisti illi huwa ttermina l-kuntratt ta' *Contracts Manager* għal raġunijiet serji li kellhom jagħtu lok għal terminazzjoni;

53. Huwa evidenti għalhekk illi l-azzjoni odjerna hija mfassla fuq inadempiment kuntrattwali da parti tal-Kunsill Lokali intimat, illi ddeċieda illi jittermina l-kuntratt qabel l-iskadenza tiegħu għal raġunijiet illi s-soċjeta' rikorrenti ssostni illi ma kinux minnhom;

54. Jiġi primarjament imfakkar illi l-Artikolu 992 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmilha ċara illi:

> *992.(1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom.*

L-Artikolu 1002 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta mbagħad jgħid illi:

> *1002. Meta l-kliem ta' konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għal interpretazzjoni.*

55. Huwa stabbillit illi, *"Il-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat, u li hi l-volonta' tal-*

*kontrenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tiġi osservata. Pacta sunt servanda."*[28]

56. Inoltre, l-Artikolu 1125 tal-Kap 16 jistabbilixxi illi *"Kull min jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat għad-danni."*, filwaqt illi, ai termini tal-Artikolu 1133 tal-Kap 16:

> *1133. Id-debitur, ukoll jekk ma jkunx mexa b'mala fidi, jiġi kkundannat għad-danni, jekk ikun hemm lok, sew minħabba li jkun naqas għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni kemm ukoll minħabba d-dewmien fl-esekuzzjoni tagħha, kemm-il darba hu ma jippruvax illi n-nuqqas tal-esekuzzjoni jew id-dewmien sar minhabba xi ħaġa barranija li tagħha huwa ma kienx htija.*

**<u>It-Terminazzjoni tal-Kuntratt</u>**

57. L-Artikolu 34 tal-*General Conditions for Service Contracts V2.1* iffirmat mill-partijiet kellu jistabbilixxi r-raġunijiet illi setgħu jwasslu għat-terminazzjoni tal-kuntratt. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, il-Kunsill Lokali intimat isostni illi l-kuntratt ġie terminat stante illi kien hemm ksur mis-soċjeta' rikorrenti, *inter alia*, tal-obbligi minnha assunti taħt l-Artikolu 7.2 tal-kuntratt, u cioe:

> *The Contractor shall perform the services under the contract with due care, efficiency and diligence, in accordance with the best professional practice.*

kif ukoll tal-Artikolu 8.1, u cioe:

[28] ***Gloria mart Jonathan Beacom et vs l-Arkitett u Inġinier Ċivili Anthony Spiteri Staines,*** Qorti tal-Appell (Superjuri), 5 t'Ottubru 1998. Ara wkoll, fost oħrajn, ***Av Dr Alex Perici Calascione noe et vs George Rizzo et***, Ċit Nru 964/93, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 27 ta' Ġunju 2002, Onor Imħ Raymond C. Pace, u ***Joseph Cutajar vs Middlesea Insurance plc***, Ċit Nru 187/2005, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 3 t'Ottubru 2013, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland (in ġudikat)

> *The Contractor shall at all times act loyally and impartially and as a faithful adviser to the Contracting Authority in accordance with the rules and/or code of conduct of its profession as well as with appropriate discretion.*
>
> *It shall, in particular, refrain from making any public statements concerning the project or the services without the prior approval of the Contracting Authority, and from engaging in any activity which conflicts with its obligations towards the Contracting Authority under the contract [...]*

58. Il-proċedura għal terminazzjoni ta' kuntratt tinsab ukoll fl-Artikolu 34 tal-Kuntratt. Ai termini tal-Artikolu 34(3), *"the Contracting Authority, after getting approval from the Central Governing Authority, may terminate the contract after giving seven (7) days' notice to the Contractor in any of the following cases: a) the Contractor fails to carry out its obligations under the contract; [...]"*. Skont l-Artikolu 1.3 tal-*Provision of Services of a Contracts Manager,* is-*Central Governing Authority* kellha tkun id-Dipartiment tal-Kuntratti. Minn dan isegwi għalhekk illi deċiżjoni ta' terminazzjoni kellha, fl-ewwel lok tingħata b'approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti, u, fit-tieni lok, tingħata b'notifika ta' sebat ijiem żmien qabel tingħata terminazzjoni;

59. Issa fil-każ odjern, din il-Qorti rat illi la tressqet prova illi t-terminazzjoni saret bl-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti, u lanqas tressqet prova illi s-soċjeta' rikorrenti ngħatat sebat ijiem sabiex tirregola ruħha. Dan jirriżulta mill-fatt illi d-*default notices* li ngħataw lis-soċjeta' rikorrenti huma datati waħda t-tmienja (8) t'Ottubru 2021, u t-tnejn l-oħra t-tnax (12) t'Ottubru 2021, filwaqt illi l-ittra ta' terminazzjoni hija datata l-għada, tlettax (13) t'Ottubru 2021;

60. Inoltre, din il-Qorti rati illi mhux kontestat illi l-kuntratt ġie terminat nhar it-tlettax (13) t'Ottubru 2021. Infatti, **Anthony Bonello,** Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali intimat, jikkonferma illi, *"fit-13 ta' Ottubru 2021, il-kuntratt kien terminat"*[29]. Dan minkejja illi, aktar tard fix-xhieda tiegħu, l-istess Bonello jgħid, *"Il-Kunsill kien obbligat li jiddiskuti l-kuntratt tiegħu kif fil-fatt għamel, ħarġet id-deċiżjoni tal-Kunsill bil-minuti tal-Kunsill li qed nirreferu għalihom li dan kellu jiġi terminat, fuq dawn ir-raġunijiet tad-default notices."*[30] Din il-Qorti, iżda, hija konvinta illi, kif indikat fl-ittra ta' terminazzjoni, id-deċiżjoni effettivament ittieħdet <u>qabel</u> il-laqgħa tal-Kunsill tas-sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru 2021, u infatti l-minuti jixhdu illi waqt dik il-laqgħa tal-Kunsill ġie miftiehem illi kellha ssir laqgħa mas-soċjeta' rikorrenti u l-kuntrattur Waste Collection Limited li kien responsabbli mill-knis fil-lokalita', *"biex b'mod amikevoli nirtiraw it-terminazzjoni li diġa' ntbagħtet mhux għax naqblu magħha, iżda biex naslu għal ftehim u nevitaw id-dewmien u l-ħela ta' ħin fil-Qrati ta' Malta"*[31]. Dan minnu nnifsu wkoll juri illi d-deċiżjoni kienet ittieħdet qabel, stante illi dak illi kellu jiġi diskuss fil-laqgħa kien <u>jekk setgħetx tiġi rtirata</u> t-terminazzjoni, u mhux jekk kellhiex tingħata t-terminazzjoni fl-ewwel lok;

61. Dwar il-proċedura li ttieħdet sabiex tingħata t-terminazzjoni, il-Kunsillier **Rudolph Grima** jgħid illi, *"once li kien hemm it-third [...] default notice, it-termination kienet inevitabbli"*[32]. Huwa minnu illi, skont l-Artikolu 34 tal-kuntratt, tliet *default notices* kellhom iwasslu għat-terminazzjoni tal-kuntratt; madanakollu, il-fatt illi ħarġu t-tliet *default notices* xorta waħda ma kellux jeskolpa lill-Kunsill milli jadopera l-proċedura fit-termini tal-kuntratt viġenti bejn il-partijiet;

62. Dwar il-mod kif ngħatat it-terminazzjoni jidher illi kellu riservi saħansitra anke **Rudolph Grima** stess. Infatti, minkejja illi jidher illi l-kunsilliera qablu b'mod inanimu illi t-terminazzjoni ma kellhiex tiġi revokata[33], fil-minuti tal-

[29] A fol 297 tal-proċess
[30] A fol 299 tal-proċess
[31] **Dok Synt P**, a fol 263 tal-proċess
[32] A fol 584-585 tal-proċess
[33] Vide xhieda ta' Nazju Cassar a fol 323 tal-proċess, ta' Dolores Coleiro a fol 569 tal-proċess, u ta' Matthew Chetcuti a fol 590 tal-proċess

laqgħa tas-sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru 2021, ġie notat illi Grima qal *"illi qabel ma tittieħed id-deċiżjoni, kien ikun aħjar li bgħatna għall-partijiet l-oħra".* L-istess ħsieb esprimieh ukoll l-istess kunsillier fil-laqgħa sussegwenti tal-ewwel (1) ta' Diċembru 2021, fejn, skont il-minuti, ġie dikjarat illi, *"Is-Sur Rudolph Grima b'riferenza għall-minuti tas-seduta preċedenti qal illi hu rċieva telefonata mill-Contract Manager, is-Sur Raphael Carabott u dan qallu illi mhux veru illi hu keċċa lil xi kennies mir-Rabat. Hu qal illi jekk tkeċċa xi ħadd kien il-kuntrattur li keċċih. Is-Sur Rudolph Grima qal illi hu mportanti illi kull darba li jkun hawn problemi bħal dawn hemm bżonn illi l-Kunsill jisma' lil kulħadd u mhux qanpiena waħda qabel ma tittieħed xi deċiżjoni. Il-kunsillieri qablu u qalu illi issa d-deċiżjoni diġa' ttieħdet u jinħtieġ illi dan jitħallas sal-aħħar t'Ottubru 2021 u jintemm ix-xogħol tiegħu."*[34]

63. Mistoqsi jekk Carabott ingħatax il-possibilta' illi jinstema' mill-Kunsill, **Anthony Bonello** jgħid, *"Ma kellux opportunita' jiġi quddiem il-Kunsill"*[35], u mistoqsi jekk Carabott ngħatax l-opportunita' li jiddefendi ruħu, l-istess xhud jgħid, *"X'opportunita' qed taħseb li stajna ntuh?* (sic) *Dana kellu ċ-ċans biżżejjed tul il-kuntratt kollu"*[36]. Bonello jgħid ukoll, *"Fil-verita' kellu ċ-ċans jirregola ruħu pero."*[37] Din il-Qorti ma tarax kif is-soċjeta' rikorrenti kellha l-opportunita' tirregola ruħha jekk l-ittra ta' terminazzjoni hija datata ħamest ijiem wara l-ewwel *default notice* u erbgħa u għoxrin (24) siegħa wara t-tieni u t-tielet *default notices*. Jekk, għall-grazzja tal-argument, ix-xhud qed jagħmel referenza għall-fatt illi kienu ġew skambjati *e-mails* u messaġġi tramite *WhatsApp* rigward xi kwestjonijiet bejn is-soċjeta' rikorrenti u l-Kunsill Lokali qabel Ottubru 2021[38], din il-Qorti rat illi:

---

[34] **Dok Synt Q-2** a fol 269 tal-proċess
[35] A fol 299 tal-proċess
[36] Ibid.
[37] A fol 296 tal-proċess
[38] Vide, per eżempju, l-messaġġi datati Lulju 2021 f'**Dok Synt D** a fol 173 tal-proċess rigward ħasil tal-pjazza, u *e-mail* datata 13 t'Awwissu 2021 spedita mis-Sindku Alexander Craus (**Dok Synt G-1** a fol 177 tal-proċess) illi fiha Craus ma jidn

- Fil-każ tal-messaġġi datati Lulju 2021 f'**Dok Synt D** a fol 173 tal-proċess, il-messaġġi kienu jikkonċernaw il-ħasil tal-pjazza, illi la tissemma fid-*default notices* u lanqas fl-ittra ta' terminazzjoni; u

- Fil-każ tal-*e-mail* spedita mis-Sindku Alexander Craus (**Dok Synt G-1** a fol 177 tal-proċess) nhar it-tlettax (13) t'Awwissu 2021, <u>is-soċjeta' rikorrenti ma ġietx ikkopjata</u> (*CC'd*), b'dana għalhekk illi ma rċevithiex. Fi kwalunkwe każ, iżda, din l-*e-mail* ma tagħmel l-ebda referenza la għas-soċjeta' rikorrenti u lanqas għal Carabott personalment, iżda hija *e-mail* illi fiha Craus ifaħħar is-servizzi tal-impjegat Anthony Hili u l-mod kif Paul Tanti jikkomunika mal-*cleaners* l-oħra;

Bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista għalhekk jingħad illi dawn iż-żewġ istanzi setgħu jikkostitwixxu xi forma ta' *notice* fit-termini tal-klawsola 34.3 tal-kuntratt. Lanqas jista' jingħad illi kkostitwixxew *notice* fit-termini tal-istess klawsola kwalsiasi telefonati jew konversazzjonijiet illi setgħu saru f'dan ir-rigward, stante illi l-Artikolu 2 tal-parti tal-kuntratt *General Conditions* jagħmilha ċara illi, *"Any **notice**, consent, approval, certiifcate or decision by any person required udner the contract shall be in writing and in the English language, unless otherwise specified, and shall not be unreasonably withheld or delayed."* (emfasi tal-Qorti) u *"Any oral instructions or orders shall take effect at the time of transmission and shall be confirmed subsequently in writing."*

64. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti ssib illi l-Kunsill Lokali ma segwiex l-obbligi minnu assunti skont il-kuntratt meta għażel li jittermina l-istess kuntratt bi tliet *default notices* maħruġa fl-istess erbat ijiem, u b'ittra ta' terminazzjoni spedita biss l-għada tal-aħħar żewġ *default notices*, mingħajr l-opportunita' ta' sebat ijiem sabiex jirregola ruħu. Dan aktar u aktar meta wieħed iqis illi l-Kunsill jidher illi ġie mgħarraf bit-terminazzjoni wara li seħħ il-fatt, u cioe fil-laqgħa tas-sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru 2021, f'liema laqgħa ċertu Kunsillieri donnhom kienu taħt l-impressjoni illi d-deċiżjoni kienet għadha qed tittieħed waqt dik il-laqgħa, filwaqt illi fil-minuti ġie mniżżel illi d-deċiżjoni li kienet qed tittieħed waqt dik il-laqgħa kienet dwar

jekk it-terminazzjoni kellhiex tiġi revokata jew le. Dan sabiex ma jingħadx ukoll illi l-Qorti hija tal-fehma illi, anke jekk il-Kuntratt ma jispeċifikax illi s-soċjeta' rikorrenti kellha tingħata ċ-ċans illi tinstema' mill-Kunsill qabel it-terminazzjoni tal-kuntratt, gialadarba nstemgħet il-persuna illi kienet qed tagħmel l-ilmenti, cioe Paul Tanti, il-Kunsill Lokali kellu jagħti wkoll lis-soċjeta' rikorrenti l-possibilta' illi tiddefendi jew tispjega ruħha.

**<u>Ir-Raġunijiet għat-Terminazzjoni</u>**

65. In oltre, u mingħajr preġudizzju għall-premess, dwar ir-raġunijiet illi ngħataw għat-terminazzjoni, din il-Qorti, wara li qieset il-provi fl-assjem tagħhom, osservat kif isegwi:

66. Fl-ewwel lok, din il-Qorti ma teskludix illi Carabott seta' mexa mal-impjegati tal-kuntratturi illi huwa kien jissorvelja b'mod illi seta' jiġi riskontrat bħala atteġjament konfrontattiv. Dan b'mod partikolari tenut kont tal-fatt illi jidher illi kien hemm ċirkostanzi fejn xi impjegati kienu persuni vulnerabbli u/jew bi bżonnijiet speċjali, u forsi kien hemm lok fejn Carabott seta' jikkomunika magħhom b'mod aktar diplomatiku. Madanakollu, din il-Qorti lanqas temmen illi Carabott dan għamlu fi spirtu ta' ġlied jew pika, iżda temmen illi huwa għamlu fi spirtu ta' persuna illi riedet taċċerta ruħha illi x-xogħol isir, u jsir sew. Fl-aħħar mill-aħħar, qua *Contracts Manager*, is-soċjeta' rikorrenti assumiet obbligi bil-kuntratt mertu tal-kawża odjerna illi kellha tara illi jitwettqu, liema obbligi kienu jinkludu, *inter alia*, preċiżament, *"ensure the satisfactory carrying out of contractual work and specifically the monthly Work Plan as described in Clause 04 including frequency and quality of work"*, u *"bring to the immediate attention of the Local Council any infringements or omissions to the Contract by the Contractor. The Contract Manager shall also recommend remedial actions in writing and advise the Council with defaults of contract"*;

67. Il-Qorti rat illi tressqu allegazzjonijiet kompletament opposti għal xulxin. Fl-affidavit tiegħu, **Sandro Craus** jgħid illi, *"Mal-kenniesa [Carabott] kien*

*jaffrontahom għall-ġlied meta jew ma jobdux minnu jew jagħmlu xi żball mhux intenzjonat. [...] Carabott kien ta' sikwit jikkustinja miegħu tant li kien irrapurtah għax skond hu qabdu jiskarta fuq għatba ta' bieb."*[39] Jgħid ukoll, *"Il-Kunsill qatt ma seta jaċċetta li l-ebda kuntrattur ma jrid jaħdem mas-Sur Carabott u fil-maġġoranza tagħhom kulħadd kien jesprimi miegħi biex ma nressqux ħdejhom waqt il-ġurnata tax-xogħol."*[40] Dan jagħti lil Qorti x'tifhem illi Carabott xogħlu kien jagħmlu. Madanakollu, imbagħad, Craus jgħid ukoll illi lil Carabott kien ikollu jċempillu hu personalment u jgħidlu, *"Iċċekkja t-tali kuntrattur, u ma kienx imur."*[41], filwaqt illi f'waħda mid-*default letters* tat-tnax (12) t'Ottubru 2021 ġie senjalat illi, *"Fl-istess ġurnata ma kien hemm l-ebda superviżjoni fuq il-kenniesa rigward il-kwalita' tax-xogħol li l-kenniesa huma obbligati li jagħmlu."* u fl-oħra ġie senjalat illi, *"Dan ma kienx każ iżolat li tħalla l-iskart f'postijiet turistiċi minħabba nuqqas ta' superviżjoni."* B'kuntrast mal-mod illi Craus jixhed illi Carabott kien frekwentement aggressiv fil-konfront tal-impjegati tal-kuntratturi terzi waqt ix-xogħol ta' superviżjoni, fl-istess ħin Craus jgħid għalhekk ukoll illi Carabott kien ikun assenti u ma kienx jagħmel ix-xogħol ta' superviżjoni kif obbligat ruħha s-soċjeta' rikorrenti skont il-kuntratt;

68. Dan sabiex ma jingħadx ukoll illi waħda mill-punti illi qajmu xi xhieda tal-Kunsill Lokali intimat huwa illi punt ta' vertenza bejnhom u d-Direttur tas-soċjeta' attriċi kien preċiżament il-fatt illi lill-ħaddiema illi kienu jnaddfu t-toroq riedhom iżommu fuqhom GPS *monitor*, bil-għan illi huwa jkun jaf fejn ikunu qed jesegwixxu xogħolhom[42]. Madanakollu, ma jidhirx illi l-Kunsill Lokali kellu xi oġġezzjoni għall-fatt illi l-impjegati kellhom dan il-*monitor*, stante illi fl-*e-mails* ta' Carabott lis-soċjeta' Waste Collection Ltd rigward l-użu tal-*monitors* kienu kkopjati (*CC'd*) wkoll is-Sindku Sandro Kraus u s-Segretarju Eżekuttiv Anthony Bonello[43], u ma saret l-ebda kontestazzjoni jew allegazzjoni illi biha din il-Qorti setgħet tasal għall-konklużjoni illi l-GPS *monitors* ma tqassmux bil-barka tal-Kunsill Lokali intimat;

---

[39] A fol 1027 tal-proċess
[40] A fol 1028 tal-proċess
[41] A fol 1148 tal-proċess
[42] Vide affidavit ta' **Dominic Camilleri**, a fol 1002 tal-proċess
[43] **Dok Synt H** a fol 183 *et seq* tal-proċess

69. Inoltre, **Wilson Mifsud**, fl-affidavit tiegħu jgħid illi waħda mill-kwestjonijiet li kellu ma' Carabott kienet għaliex Carabott *"ried li jkollu aċċess għal GPS tat-trakk tiegħi"*, iżda din mhux talli kienet waħda mill-obbligi illi WM Environmental Ltd assumiet meta ffirmat il-kuntratt mal-Kunsill Lokali intimat, iżda talli n-nuqqas t'adempjenza ta' WM Environmental Ltd ma' din il-kundizzjoni kienet saħansitra waħda mir-raġunijiet illi għaliha ħarġu d-*default notices* fil-konfront tal-istess soċjeta' mill-Kunsill Lokali intimat. Il-kontenut tal-*e-mail* spedita mis-soċjeta' rikorrenti lill-Kunsill Lokali rigward il-kuntratt tal-ġbir ta' skart fl-erbatax (14) t'April 2021[44] u l-kontenut tal-*Performance Report January / June 2021* tas-soċjeta' rikorrenti dwar il-kuntratt ta' ġbir ta' skart mis-soċjeta' WM Environmental Ltd, datat tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju 2021[45], jirriflettu r-raġunijiet mogħtija fid-*default notices* maħruġa mill-Kunsill Lokali intimat lis-soċjeta' WM Environmental Ltd f'Mejju 2021[46], b'dana illi din il-Qorti tifhem illi l-Kunsill Lokali intimat kien qed jirrikonoxxi illi xogħolha s-soċjeta' rikorrenti kienet qed tagħmlu, u tagħmlu sew;

70. Saret ukoll allegazzjoni illi kien hemm ilment fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti meta Carabott wissa lil wieħed mill-ħaddiema ta' kuntrattur għaliex ma kienx liebes l-uniformi proprja, iżda kien bix-xorts għax kienet bdiet is-sħana[47]. Madanakollu, fost l-obbligi illi kellu l-kuntrattur taż-żamma tal-indafa fit-toroq (*Tender for Street Sweeping and Community Cleansing in an Environmentally Friandly Manner*), kien hemm illi l-impjegati tal-kuntrattur kellhom ikunu liebsa uniformi konsistenti, *inter alia*, f'qalziet ta' kulur skur[48]. Il-Qorti għalhekk tirrileva illi Carabott kien qiegħed jagħmel xogħlu meta ġibed l-attenzjoni t'impjegati tal-kuntrattur illi ma kienx liebes l-uniformi kif suppost;

---

[44] **Dok Synt L-8** a fol 243 tal-proċess
[45] **Dok Synt N-1** a fol 249 *et seq* tal-proċess
[46] **Dok Synt M** a fol 246 *et seq* tal-proċess
[47] Vide xhieda ta' **Paul Tanti** a fol 1012 tal-proċess
[48] **Dok Synt J-6** a fol 210 tal-proċess

71. Meqjus il-premess, din il-Qorti għalhekk ma tqisx illi l-Kunsill Lokali intimat verament għażel illi jittermina l-kuntratt a bażi tal-fatt illi s-soċjeta' rikorrenti ma kinitx qed tesegwixxi l-obbligi minnha assunti bil-kuntratt mertu tal-kawża odjerna; iżda temmen illi bejn is-soċjeta' rikorrenti u l-Kunsill Lokali intimat inħolqot kwestjoni ta' pika illi eskalat. Dan il-Qorti tista' tirriskontrah b'mod partikolari fl-*e-mail* tas-Sindku datata Awissu 2021 lil rappreżentanti tal-kuntrattur Waste Collection Ltd, illi fiha ma ġiex ikkopjat is-Sur Carabott, illi tingħalaq bil-kliem, *"Nixtieq li kull komunikazzjoni tagħkom mil-lum 'il quddiem tkun mas-Segretarju Eżekuttiv jew miegħi."*[49] Il-Qorti tippretendi illi s-Sindku kellu jara kif iġib l-għaqda u jirrimedja s-sitwazzjoni bejn il-kuntratturi u l-*Contracts Manager*, mill-inqas sa ma jagħlaq it-terminu kopert bil-kuntratt, u mhux ikompli jagħtiha n-nar billi jordna illi jinqabeż il-*Contracts Manager*, illi xogħlu kien preċiżament illi jagħti rendikont ta' kif ikunu qed jagħmlu xogħolhom il-kuntratturi;

72. Għaldaqstant, anke li kieku, għall-grazzja tal-argument biss, kellu jiġi injorat il-fatt illi, sabiex ġie terminat il-kuntratt ma ġietx adoperata l-proċedura stabbilita skont il-kuntratt, xorta waħda ma jirriżultax lil din il-Qorti illi kien hemm raġuni illi għaliha l-kuntratt kellu jiġi terminat qabel il-waqt. Konsegwentement, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-ewwel talba rikorrenti għandha tiġi akkolta.

**<u>Likwidazzjoni u Ħlas ta' Danni</u>**

73. Gialadarba jirriżulta lil din il-Qorti illi l-ewwel talba jistħoqqilha tintlaqa', din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tilqa' wkoll it-tliet talbiet l-oħra rikorrenti bħala konsegwenzjali għall-istess;

74. Is-soċjeta' rikorrenti qed tirreklama ħlasijiet dovuti lilha fis-somma ta' **€25,550.96**, skont l-*istatement of account* esebit bħala **Dok SMS7** a fol 747 tal-proċess. Minn dan l-istatement, jidher illi mhux qiegħda tiġi kontestata s-somma rappreżentanti Tax Invoice RBTLC-047/18 għall-perjodu Ġunju-

[49] **Dok Synt G-1** a fol 177 tal-proċess

Awwissu 2021 fis-somma ta' €2,506.34 u Tax Invoice RBTLC-048/18 għall-perjodu Lulju 2021-Settembru 2021 fis-somma ta' €3,560.37. Infatti, il-Kunsill Lokali intimat iddepożita s-somma kumplessiva ta' €6,066.71 fir-Reġistru ta' din il-Qorti[50];

75. Dak illi jidher illi qed jiġi kontestat huma l-pendenzi skont l-*Istatements of Pending Bills 001-006* a fol 611 *et seq* tal-proċess;

76. **Anthony Bonello** jgħid fl-affidavit tiegħu illi *"Raphael Carabott qed jitlob flus li mhux dovuti lilu anki għax kienu direct orders. Id-direct orders ma jkollhomx il-5% management fee. Raphael Carabott jitħallas mill-kuntratti tal-kuntratturi tal-Kunsill li jinkludi l-5% management fee. Il-Kunsill Lokali jiddeċiedi x'jiċċertifika Raphael Carabott u mhux hu."*[51];

77. Mill-banda l-oħra, is-soċjeta' rikorrenti tikkwota l-Artikolu 4.2 tal-kuntratt, illi jgħid:

> *The Contracts to be managed by the Contracts Manager are, but not limited to the following:*
>
> *Manual Street Sweeping and Cleaning, emptying and cleaning of litter bins, dog bins and ashtrays*
> *Collection of Mixed Household Waste*
> *Collection of Bulky Refuse*
> *Cleaning and Maintenance of Public Conveniences*
> *Cleaning and Clearing of Non-Urban Roads*
> *Maintenance and Upkeep of Soft Areas, pruning of trees and watering and upkeep of plants in pots*
> *Provision of services for cleaning of water culverts*
> *Maintenance of road markings and traffic signs*
> *Handyman Service*

[50] **Dok AA2** a fol 996 tal-proċess
[51] A fol 995 tal-proċess

78. L-Artikolu 4.2 huwa ċar, u m'hemmx lok għal interpretazzjoni tiegħu. Il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mis-soċjeta' rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha illi: (a) ma jagħmel l-ebda sens illi jingħata *direct order* għal xogħol illi dwaru jkun ingħata kuntratt b'tender; u (b) filwaqt illi huwa minnu illi l-Kunsill Lokali għandu jiddeċiedi x'tiċċertifika s-soċjeta' rikorrenti f'dak illi jmur oltre l-lista fl-Artikolu 4.2, f'dak illi jirrigwarda l-lista fl-Artikolu 4.2 il-Kunsill Lokali huwa marbut illi jafda ċ-ċertifikazzjoni f'idejn il-*Contracts Manager*. Li ma kienx hekk, il-*Contracts Manager* ma jkollu l-ebda garanzija illi dak illi qed jidħol għalih fil-kuntratt ser jirrendilu introjtu, stante illi l-introjtu tiegħu jkun determinat b'mod assolut mid-deċiżjoni arbitrarja tal-Kunsill Lokali. Is-soċjeta' rikorrenti ġġib prova wkoll għal drabi oħra fejn hija tħallset għal ċertifikazzjoni tal-istess xogħol illi tiegħu ġie issa rifjutat ħlas da parti tal-Kunsill Lokali[52], b'dana illi aktar u aktar din il-Qorti mhix konvinta illi għal dan ix-xogħol ma kellux ikun dovut ħlas lis-soċjeta' rikorrenti;

79. Għaldaqstant, wara li rat l-i*statements* esebiti mis-soċjeta' rikorrenti sabiex taċċerta ruħha illi l-ammonti mitluba huma ġustifikati, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tillikwida danni fis-somma kumplessiva ta' **€25,055.96** kif pretiż mis-soċjeta' rikorrenti, rappreżentanti ħlas għal servizzi illi kellhom jiġu reżi mis-soċjeta' rikorrenti ai termini tal-kuntratt mertu tal-kawża odjerna. Naturalment, din is-somma globali tkopri fiha s-somma ġia depożitata fir-Reġistru ta' din il-Qorti mill-Kunsill Lokali intimat.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

i. **<u>Tilqa' l-ewwel talba rikorrenti</u>** u tiddikjara t-terminazzjoni tal-kuntratt "Tender RLC/T0160/17 For the Provision of a Contracts Manager" bħala waħda abbużiva u llegali billi t-terminazzjoni ma saritx skont kif pattwit fil-

[52] **Dok A** a fol 980 *et seq* tal-proċess

kuntratt, u billi, fi kwalunkwe lok, is-soċjeta' attriċi bl-ebda mod ma kienet inadempjenti fl-obbligi kuntrattwali tagħha;

ii. **<u>Tilqa' t-tieni talba rikorrenti</u>** u tiddikjara konsegwentement lill-istess Kunsill Lokali intimat responsabbli għad-danni kawżati lis-soċjeta' attriċi bit-terminazzjoni tal-kuntratt fuq premess;

iii. **<u>Tilqa' t-tielet talba rikorrenti</u>** u tillikwida d-danni sofferti mill-istess soċjeta' attriċi minħabba t-terminazzjoni illegali da parti tal-Kunsill Lokali intimat fis-somma globali ta' **ħamsa u għoxrin elf, u ħamsa u ħamsin Ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€25,055.96)**, bl-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

iv. **<u>Tilqa' r-raba' talba rikorrenti</u>** u tikkundanna lill-Kunsill Lokali intimat iħallas lis-soċjeta' attriċi d-danni kif likwidati.

Bl-ispejjez, inkluż tal-protest numru 476/2021 datat 9 ta' Diċembru 2021 fl-ismijiet '*Carabott Raphael noe vs Kunsill Lokali Tar-Rabat*' kontra l-Kunsill Lokali intimat.

Moqrija.

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Reġistratur**